A.L. 266 tal-2008

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1), 36(6) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, (Emenda Nru.2) u dan l-ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 32 ta' l-2000.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinstab ma' l-ordni prinċipali.

2. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fit-Taqsima I tagħha, fit-tieni kolonna intitolata "Data tad-delega effettiva" minflok il-kliem "għad irid jiġi stabbilit" għar-rigward tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, għandhom jidħlu l-kliem "4 ta' Novembru, 2008"; u

(b) fit-Taqsima II tagħha, il-paragrafu bil-kliem "Kumitat Konġunt tal-Kunsill Lokali ta' Qrendi," sa "13 ta' Mejju, 2005" għandu jiġi mħassar.